**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 t' April 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**

**vs**

**David Borg Percy**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**David Borg Percy**, ta' 55 sena', iben Joseph Borg u Mary xebba Lanzon, imwieled Pieta', nhar is-27 ta' Lulju 1964, residenti Carmel, Flt 5, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita Maltija 0391964M;

Akkuzati talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fix-xhur ta'

Gunju u Lulju 2016 u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapacita tieghu bhala impjegat pubbliku fl-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivji Notarili; (Art 18. Kap 9)

1. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, ssomma ta' mhux aktar minn hames mitt ewro (€500) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. (Art.294,294, 310 (1) et seq. Kap 9)

2. ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom. (Art 127 et seq. Kap 9).

Talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula (Art 49. Kap 9)

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2021 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kienet dik ta’ disa’ snin prigunerija u interdezzjoni perpetwa, ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jikkonferma il-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Leon Farrugia tas-26 ta' Jannar 2022.

7. Semghet trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, huwa ovvju li l-ewwel imputazzjoni ta' misapproprjazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni ta' storn. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat kien ufficjal pubbliku meta ikkommetta r-reat in kwistjoni. Konsegwentement, minkejja l-ammissjoni tieghu, il-Qorti ser tastejni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, izda fuq ammissjoni tieghu stess issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu.

9. Ghar-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u proprjament fl-ewwel seduta li nzammet. Il-fedina penali hija kwazi netta, b'kundanna wahda ghal reat minuri tat-traffiku.

10. Fl-ahhar xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi minn verifiki ulterjuri li saru jirrizulta li l-imputat ha indebitament mitejn Euro (€200).

11. Mill-atti jirrizulta li zewg ufficjali pubblici ohra li kienu jahdmu ma' l-imputat, u li ikkommettew reati identici ghal tieghu – wiehed minnhom fil-fatt kien komplici tieghu - tressqu l-Qorti u wara sejbien ta' htija inghataw ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata. Pero fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, ir-reat ta' storn huwa reat ta' certa portata u fil-fatt il-piena minima tieghu hija ta' sentejn prigunerija u l-piena massima ta' sitt snin prigunerija, u fi kwalunkwe kaz ikun hemm interdizzjoni generali perpetwa (ara Artikolu 127(1) tal-Kodici Kriminali). Dan bir-ragun, stante li ufficjal pubbliku – irrespettivament mil-kariga tieghu – huwa persuna li fih il-Gvern u s-socjeta in generali qed ipoggu l-fiducja

taghhom. Jekk dan l-ufficjal pubbliku idawwar flus tal-Gvern – irrespettivament mill-ammont – a beneficcju personali tieghu ikun qed ikisser dik il-fiducja li giet riposta fih.

12. Fil-kaz odjern certament ma jistghax jinghad li l-imputat ikkommetta dan ir-reat minhabba l-blugha taz-zoghzija, jew ghax ghal xi raguni jew ohra kellu bzonn il-flus. In oltre, ghalkemm fl-istqarrija minnu rilaxxata fl-24 ta' Novembru 2020 huwa qal lill-Ufficjal Prosekutur li lest li jirrifondi lura l-flus li ha indebitament, huwa baqa' ma irrifondhiex dan l-ammont sal-lum. Ghalhekk, il-Qorti m'hix tal-opinjoni li misura ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata hija misura idonea fil-kaz odjern.

13. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz tal-ammont pjuttost zghir li l-imputat iggwadanja illecitament, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-misura l-aktar idonea hija dik ta' ordni ta' servizz fil-komunita minghajr hlas, u dan sabiex l-imputat jaghti lura xi haga tangibbli lis-socjeta sabiex ipatti ghar-reat minnu kommess.

14. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat huwa kandidat idoneu sabiex jaghmel xoghol ta' servizz fil-komunita.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat;

    2. Wara li rat l-Artikoli 18, 127(1) u 49 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

3. In oltre ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati ihallas lill-Gvern ta' Malta jew lill-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivji Notarali is-somma ta' mitejn Euro (€200).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz bla hlas fil-komunita jintbaghtu lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**